Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11242/20
PV CONS 23
COMPET 434
IND 155
MI 367
RECH 331
ESPACE 45

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju))

29 ta' Settembru 2020

**WERREJ**

**Paġna**

1. Adozzjoni tal-aġenda ........ 3

2. Approvazzjoni ta' punti "A" ........ 3
   a) Lista mhux leġiżlattiva
   b) Lista leġiżlattiva

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**

3. Regolament li jistabbilixxi l-Programm Qafas ta' Orizzont Ewropa ........ 3

4. Deċiżjoni li tistabbilixxi programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa ........ 3

5. Affarijiet oħra ........ 3

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ........ 4

***

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 10909/1/20 REV 1.

2. **Approvazzjoni ta' punti "A"**

| | | |
|---|---|---|
| a) | Lista mhux leġiżlattiva | 11092/20 |
| b) | Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) | 11093/20 |

Minħabba nuqqas ta' kworum, ma ġie adottat ebda punt "A".

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

3. **Regolament li jistabbilixxi l-Programm Qafas ta' Orizzont Ewropa** ❶ C — 9865/18 + ADD 1; 10948/20 + COR 1 **+ COR 2**
*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 11251/1/20 REV 1 + COR 1.

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni SE u dikjarazzjoni bil-fomm mill-Kummissjoni huma annessi ma' dawn il-minuti tal-Kunsill.

4. **Deċiżjoni li tistabbilixxi programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa** S C — 9870/18 + ADD 1; 10952/1/20 REV 1 + REV 1 COR 1
*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 11256/20.

**Affarijiet oħra**

Ma tqajjem l-ebda punt taħt din l-intestatura.

---

❶ L-ewwel qari

S Proċedura leġiżlattiva speċjali

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 10909/1/20 REV 1**

**Dwar il-punt "B" nru 3:** **Regolament li jistabbilixxi l-Programm Qafas ta' Orizzont Ewropa**
*Approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA**

"Il-programm qafas għandu jkun miftuħ kemm jista' jkun. L-aħjar riċerkaturi għandhom jingħataw il-mezzi biex isibu tweġibiet għall-mistoqsijiet tar-riċerka u biex isolvu l-isfidi tas-soċjetà. L-entitajiet legali fi ħdan l-Unjoni jridu jkunu jistgħu jikkontribwixxu għal innovazzjonijiet biex joħolqu l-ġid, ix-xogħol u s-sigurtà għaċ-ċittadini Ewropej.

L-esklużjoni mill-parteċipazzjoni fil-programm qafas ta' entitajiet legali Ewropej bi sjieda barra l-Unjoni trid tkun strettament limitata għal każijiet eċċezzjonali u limitata għal oqsma partikolarment sensittivi għas-sigurtà. F'dawn il-każijiet, iridu japplikaw kundizzjonijiet u kriterji ċari. F'dan il-kuntest, il-kompetenza tal-Istati Membri trid tiġi rrispettata. L-esklużjoni ta' entitajiet legali Ewropej bi sjieda f'pajjiżi sħab strateġiċi la hija ta' ġid għar-riċerka u l-iżvilupp Ewropej, u lanqas għas-sigurtà u l-kompetittività tal-Unjoni."

**DIKJARAZZJONI BIL-FOMM MILL-KUMMISSJONI**

"Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ li tiżgura l-akbar trasparenza u involviment tal-Kunsill fin-negozjati li jmiss dwar l-assoċjazzjoni mal-programm Orizzont Ewropa.

Ser insegwu regoli u proċeduri ċari għal dawn in-negozjati u tajt struzzjonijiet lis-servizzi tiegħi biex jiżguraw l-akbar trasparenza possibbli fil-fażijiet kollha tan-negozjati fil-livell tekniku mal-Kunsill, f'konformità mal-prattika tal-Kummissjoni."